



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 2 ta' Settembru 2014
(OR. en)

**Fajl Interistituzzjonali:
2014/0242 (NLE)**

**12737/14
ADD 1**

**EEE 62
CONSOM 157
MI 606**

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmit mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	20 ta' Settembru 2014
lil:	Is-Sur Uwe CORSEPIUS, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2014) 524 final Anness
Suġġett:	ANNEX DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru .../2014 ta' li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE, dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet għall- proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Komitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda għall-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE, dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet (protezzjoni tal-konsumatur)

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2014) 524 final Anness.

Mehmuż: COM(2014) 524 final Anness



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 19.8.2014
COM(2014) 524 final

ANNEX 1

ANNESS

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru .../2014

ta'

**li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE, dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li
ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet**

għall-

proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat
Konġunt taż-ŻEE dwar emenda għall-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE, dwar
kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet (protezzjoni
tal-konsumatur)**

ANNEX

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru .../2014

ta'

**li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE,
dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim taż-ŻEE"), u partikolarment l-Artikoli 86 u 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Huwa xieraq li tiġi estiża l-kooperazzjoni bejn il-Partijiet Kontraenti tal-Ftehim taż-ŻEE sabiex tkopri r-Regolament (UE) Nru 254/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar programm pluriennali tal-konsumaturi għas-snin 2014-20 u li jħassar id-Deċiżjoni (KE) Nru 1926/2006/KE¹.
- (2) Huwa xieraq li l-parteciżzjoni tal-Istati tal-EFTA fl-attivitajiet li jirriżultaw mir-Regolament (UE) Nru 254/2014 jibdw mill-1 ta' Jannar 2014 ukoll jekk din id-Deċiżjoni tiġi adottata, jew jekk it-tweġġ tar-rekwiżiti kostituzzjonali għal din id-Deċiżjoni, jekk ikun hemm, jiġi nnotifikat wara l-10 ta' Lulju 2014.
- (3) Entitajiet stabbiliti fl-Istati tal-EFTA għandhom ikunu intitolati biex jipparteċipaw fl-attivitajiet li jibdw qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni. L-ispejjeż imġarrba għal dawn l-attivitajiet, li l-implimentazzjoni tagħhom tibda wara l-1 ta' Jannar 2014, jistgħu jitqiesu bħala eliġibbli taħt l-istess kundizzjonijiet bħal daww applikabbli għal spejjeż imġarrba minn entitajiet stabbiliti fl-Istati Membri tal-UE sakemm din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ qabel it-tmiem tal-azzjoni kkonċernata. Il-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE għandu jiġi emendat sabiex din il-kooperazzjoni estiża tkun tista' tibda sseħħ mill-1 ta' Jannar 2014.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 6 tal-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE jiġi emendat kif ġej:

1. Il-paragrafu li ġej jiddaħħal wara l-paragrafu 3a:

"3b. L-Istati tal-EFTA, b'effett mill-1 ta' Jannar 2014, jipparteċipaw f'dan il-programm li ġej:

¹ ĠU L 84, 20.3.2014, p. 42.

- **32014 R 0254:** Ir-Regolament (UE) Nru 254/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar programm pluriennali tal-konsumaturi għas-snin 2014-20 u li jħassar id-Deċiżjoni (KE) Nru 1926/2006/KE (ĠU L 84, 20.3.2014, p. 42).

L-ispejjeż imġarrba għal attivitajiet li l-implimentazzjoni tagħhom tibda wara l-1 ta' Jannar 2014, jistgħu jitqiesu bħala eliġibbli mill-bidu tal-azzjoni taħt il-ftehim tal-għotja jew id-deċiżjoni tal-għotja kkonċernati sakemm id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru .../2014 tal-... tidħol fis-seħħ qabel tmiem l-azzjoni.

Il-Liechtenstein għandu jiġi eżentat mill-parteċipazzjoni f'dan il-programm u milli jagħti kontribuzzjoni finanzjarja għalih."

2. It-test tal-paragrafu 4 huwa ssostitwit b'li ġej:

"L-Istati tal-EFTA jikkontribuwixxu b'mod finanzjarju għall-attivitajiet imsemmija fil-paragrafi 3, 3a u 3b b'konformità mal-Artikolu 82(1)(a) tal-Ftehim."

3. It-test tal-paragrafu 5 huwa ssostitwit b'li ġej:

"L-Istati tal-EFTA, sa mill-bidu tal-kooperazzjoni fl-attivitajiet li hemm referenza għalihom fil-paragrafi 3, 3a u 3b, jipparteċipaw b'mod sħiħ, mingħajr id-dritt li jivvutaw, fil-kumitati tal-KE u korpi oħra li jgħinu lill-Kummissjoni tal-KE fl-immaniġġar jew l-iżvilupp ta' dawn l-attivitajiet."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum wara l-aħħar notifika skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim taż-ŻEE*.

Hija tapplika mill-1 ta' Jannar 2014.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President

Is-Segretarji

* [L-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali ma huma indikati.] [Ħtiġijiet kostituzzjonali indikati.]

għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE